

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11915/23

ENV 869
COMER 93
MI 627
ONU 49
SAN 459
IND 400
DELECT 102

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4683 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.7.2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 4683 final.

Mehmuż: C(2023) 4683 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2023
C(2023) 4683 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2023

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet fuq il-
manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-kuntest politiku u legali ta' dan ir-Regolament Delegat jikkonsisti fil-politika u l-liġi tal-UE dwar il-merkurju u fil-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (minn hawn 'il quddiem, il-“Konvenzjoni ta' Minamata” jew il-“Konvenzjoni”)¹.

Ir-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju

Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (minn hawn 'il quddiem, “ir-Regolament dwar il-Merkurju”)² huwa l-istrument ewlieni tad-dritt tal-Unjoni li (i) jirregola l-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju (minn hawn 'il quddiem, “il-merkurju”), inkluż fil-prodotti miżjudin bil-merkurju (minn hawn 'il quddiem “MAPs”)³ u (ii) jittrasponi fil-liġi tal-UE l-Konvenzjoni ta' Minamata u d-deċiżjonijiet legalment vinkolanti adottati mill-Konferenza tal-Partijiet (minn hawn 'il quddiem, “il-COP ta' Minamata”).

Ir-Regolament dwar il-Merkurju għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet u mir-rilaxxi antropoġeniċi tal-merkurju u, b'hekk, jindirizza ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni primarja tal-merkurju sar-rimi finali tal-iskart tal-merkurju. Dan ir-Regolament ġie żviluppat u adottat bħala mezz biex jiġi segwit u implimentat l-oġettiv aħħari tal-politika tal-UE dwar il-merkurju, jiġifieri li l-użu tal-merkurju jiġi eliminat gradwalment maż-żmien. Dan l-oġettiv ġie spjegat b'mod ċar fl-istrateġija tal-UE dwar il-merkurju mill-2005⁴ kif riveduta fl-2010⁵, li talbet lill-Unjoni tiegħu miżuri biex, fost l-oħrajn, tnaqqas l-użu tal-merkurju billi tnaqqas il-provvista u d-domanda.

Bħala segwitu għall-istrateġija tal-UE dwar il-merkurju, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda dwar l-użu tal-merkurju fil-prodotti kif ġej:

“Il-prodotti li fihom merkurju miżjud, fejn jeżistu alternattivi vijabbli, għandhom jitneħħew gradwalment kemm jista' jkun malajr u kompletament, bl-għan aħħari li l-prodotti kollha li fihom merkurju miżjud għandhom jitneħħew gradwalment, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi tekniċi u ekonomiċi u tal-ħtiġijiet għal riċerka u żvilupp xjentifiċi.”⁶

L-Artikolu 5 u l-Anness II tar-Regolament dwar il-Merkurju jindirizzaw il-MAPs. L-Artikolu 5(1) jipprevedi li l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura fl-Unjoni tal-MAPs

¹ It-test tal-Konvenzjoni ta' Minamata huwa disponibbli hawnhekk: <https://www.mercuryconvention.org/en/about>

² ĠU L 137, 24.05.2017, p. 1.

³ L-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar il-Merkurju jiddefinixxi “prodotti miżjudin bil-merkurju” bħala prodotti jew komponenti tal-prodotti li fihom il-merkurju jew kompost tal-merkurju li ġie miżjud intenzjonalment.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Strateġija Komunitarja dwar il-Merkurju, COM(2005) 20 final, 28.01. 2005.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju, COM(2010) 723 finali, 07.12.2010.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill *Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju*, it-3075 laqgħa tal-Kunsill tal-Ambjent, l-14 ta' Marzu 2011.

stabbiliti fl-Anness II għandhom jiġu pprojbati mid-dati tal-eliminazzjoni gradwali stabbiliti fih. Bħala eżenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(2), din il-projbizzjoni ma tapplikax għall-MAPs li huma essenzjali għall-protezzjoni ċivili u għal użi militari jew użati għar-riċerka, għall-kalibrazzjoni tal-istrumentazzjoni, jew għall-użu bħala standard ta' referenza.

Il-MAPs imsemmija fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Merkurju jinkludu, fost l-oħrajn, batteriji u akkumulaturi speċifiċi, swiċċijiet u rilejs, lampi li fihom il-merkurju (eż. ċerti lampi fluworexxenti kompatti) u apparati tal-kejl mhux elettroniċi (eż. termometri, strain gauges li jintużaw mal-pletismografi). Dawk il-MAPs huma soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-31 ta' Diċembru 2018 jew mill-31 ta' Diċembru 2020. Il-MAPs elenkati fl-Anness II huma prodotti li għalihom hemm disponibbli alternattivi mingħajr il-merkurju li huma teknikament u ekonomikament fattibbli u, kif speċifikat fil-Premessa (14) tal-Preambolu tar-Regolament dwar il-Merkurju, jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-użu tal-merkurju fl-Unjoni u globalment.

Bl-għan li jitnaqqsu l-produzzjoni u l-użu tal-MAPs, l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Merkurju jistabbilixxi kundizzjonijiet stretti rigward il-każ speċifiku ta' MAPs "għodda", jiġifieri MAPs li ma kinux manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 2018. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tipprojbixxi l-manifattura u t-tqegħid tagħhom fis-suq sakemm ma jkunux awtorizzati li jagħmlu dan mill-Kummissjoni Ewropea. Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata biss jekk jintwera li l-MAP "il-ġdid" jipprovdi benefiċċji ambjentali jew tas-saħħa sinifikanti u ma joħloq l-ebda riskju sinifikanti la għall-ambjent u lanqas għas-saħħa tal-bniedem, u li ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva teknikament prattikabbli mingħajr merkurju li tipprovdi tali benefiċċji.

Rigward l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Merkurju u l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-MAPs, l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda, fost l-oħrajn, l-Anness II tiegħu biex tallinjah mad-deċizzjonijiet adottati mill-COP ta' Minamata. Tali għoti ta' setgħa jista' japplika biss jekk l-Unjoni appoġġat id-deċizzjoni tal-COP ta' Minamata kkonċernata permezz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). **Għalhekk, l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju jistabbilixxi l-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament Delegat.**

Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju

Il-Konvenzjoni ta' Minamata daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017 u sal-lum ġiet ratifikata mill-Unjoni Ewropea⁷ u minn 136 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Konvenzjoni ta' Minamata huwa l-qafas legali internazzjonali ewlieni għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mill-emissjonijiet u mir-rilaxxi antropoġeniċi tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art. Bħar-Regolament dwar il-Merkurju, dan jindirizza ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-merkurju, mill-estrazzjoni primarja tal-merkurju sar-rimi tal-iskart tal-merkurju.

Din il-Konvenzjoni tistabbilixxi wkoll projbizzjoni fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni (l-Artikolu 4(1)) applikabbli għall-MAPs elenkati fl-Anness A tagħha (il-Parti I). Peress li l-Unjoni kienet strumentali fit-tfassil tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta'

⁷ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

Minamata, inklużi dawk li jindirizzaw il-MAPs, il-lista tal-MAPs ikkonċernati tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-lista tal-MAPs li tinsab fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Merkurju.

Skont l-Artikolu 4(4), (7) u (8) tal-Konvenzjoni ta' Minamata, l-Anness A tagħha kellu jiġi rivedut mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, filwaqt li jiġiesu l-proposti tal-Partijiet għall-emendi, kif ukoll l-informazzjoni trażmessa dwar il-MAPs u l-alternattivi mingħajr merkurju li huma teknikament u ekonomikament fattibbli, flimkien mad-*data* dwar ir-riskji u l-benefiċċji assoċjati għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

Deċiżjoni li temenda l-Anness A (il-Parti I) tal-Konvenzjoni ta' Minamata

Meta titqies id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 4(4), (7) u (8) tagħha, il-Partijiet kienu għalhekk mistennija jadottaw Deċiżjoni dwar l-emendi għall-Anness A tal-Konvenzjoni fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-COP ta' Minamata (COP4.II, mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022).

F'dan ir-rigward, bil-ħsieb li tkompli tkun Parti attiva u strumentali, fil-31 ta' Marzu 2020 l-Unjoni bagħtet lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Minamata informazzjoni dwar għadd ta' MAPs u l-alternattivi disponibbli tagħhom mingħajr merkurju li huma teknikament u ekonomikament fattibbli, f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dik il-Konvenzjoni. Fit-30 ta' April 2021, l-Unjoni mbaġħad ikkomunikat lis-Segretarjat proposta formali biex jiġi emendat, fost l-oħrajn, l-Anness A (il-Parti I) tal-Konvenzjoni ta' Minamata, f'konformità mal-Artikolu 4(7) ta' dik il-Konvenzjoni⁸. Din il-proposta tal-UE pprevediet li l-MAPs li ġejjin jiżdiedu mal-Anness A (Parti I):

- Batteriji buttuna tal-ossidu tal-fidda u taż-żingu b'kontenut tal-merkurju < 2 % u batteriji buttuna taż-żingu u tal-arja b'kontenut tal-merkurju < 2 %,
- Bozoz fluworexxenti lineari (LFLs) tal-fosfori alofosfati għal skopijiet ta' tidwil ġenerali,
- Strumenti tal-kejl mhux elettroniċi: (a) strain gauges biex jintużaw fil-pletismografi; (b) tensjometri,
- Strumenti tal-kejl elettriċi u elettroniċi: (a) trasdutturi, trażmettituri u sensuri tal-pressjoni tat-titwib; (b) pompi tal-vakwu bil-merkurju,
- Poliuretan, inklużi ċilindri għall-applikazzjoni tal-poliuretan.

Barra minn hekk, saru żewġ proposti formali oħra għall-emendar tal-Anness A (il-Parti I) minn (i) ir-Reġjun tal-Afrika u (ii) l-Iżvizzera/il-Kanada.

Il-proposta formali tar-Reġjun tal-Afrika pprevediet li l-MAPs li ġejjin jiżdiedu mal-Anness A (il-Parti I):

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727 tad-29 ta' April 2021 dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u proċessi ta' manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju (ĠU L 155, 5.5.2021, p. 23).

- Lampi fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts (minn hawn 'il quddiem, "CFL.i ≤ 30 watts"),
- Lampi fluworexxenti lineari (LFLs) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali: (a) LFLs trifosforiċi ≤ 60 watts; (b) LFLs tal-fosfori alofosfati ≤ 40 watts,
- Lampi fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFL) u lampi fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) għall-unitajiet tal-wiri elettroniki ta' kwalunkwe tul.

Rigward il-proposta formali konġunta tal-Iżvizzera/il-Kanada, din ipproponiet li l-MAPs li ġejjin jiżdiedu mal-Anness A (il-Parti I):

- Apparati għall-kontrobalanċ inklużi l-piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti,
- Films u karti fotografiki,
- Propellant għas-satelliti u l-inġenji spazjali,
- Pontijiet għall-kejl b'akkuratezza għolja ħafna tal-kapaċitanza u tat-telf u swiċċijiet u rilejs tal-frekwenza tar-radju bi frekwenza għolja għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll b'kontenut massimu tal-merkurju ta' 20 mg għal kull pont, swiċċ jew rilej.

Fid-dawl ta' dawk it-tliet proposti formali, l-Unjoni ddeċidiet, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 adottata skont l-Artikolu 218(9) TFUE, li tappoġġa Deċiżjoni fil-COP4.II li temenda l-Parti I tal-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Minamata, li:

- tkun konsistenti mal-proposta formali tal-Unjoni mit-30 ta' April 2021; jew
- tkun konsistenti mal-acquis tal-Unjoni; jew
- tkopri l-MAPs li la huma regolati skont il-liġi tal-UE u lanqas manifatturati fl-Unjoni; jew
- tikkonċerna ċerti kategoriji ta' lampi li fihom il-merkurju msemmija mir-Reġjun tal-Afrika fil-proposta formali għal emenda tiegħu⁹.

Fil-COP4.II il-partijiet adottaw Deċiżjoni li fost l-oħrajn temenda l-Parti I tal-Anness A billi żżid it-tmien MAPs il-ġodda li ġejjin bil-31 ta' Diċembru 2025 bħala d-data ta' eliminazzjoni gradwali applikabbli (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni tal-COP ta' Minamata")¹⁰:

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).

¹⁰ Id-Deċiżjoni MC-4/3: *Rieżami u emenda tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju*, il-25 ta' Marzu 2022.

- CFL.i \leq 30 watts b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbiżx il-5 mg għal kull berner tal-lampa;
- Lampi fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFL) u lampi fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) ta' kwalunkwe tul għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi;
- Strain gauges biex jintużaw fil-pletismografi;
- Trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib, trażmetturi tal-pressjoni tat-tidwib u sensuri tal-pressjoni tat-tidwib;
- Pompi tal-vakwu bil-merkurju;
- Piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti;
- Films u karti fotografiċi;
- Propellant għas-satelliti u l-inġenji spazjali.

Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-COP ta' Minamata kien konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549, l-Unjoni appoġġat l-adozzjoni tagħha fil-COP4.II, fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-grupp ta' Esperti dwar il-Merkurju (MEG) stabbilit bħala Grupp ta' Esperti informali tal-Kummissjoni biex jassisti fost l-oħrajn fit-tħejjija tal-atti delegati ġie kkonsultat u dan ma' qajjem l-ebda oġġezzjoni għall-Att Delegat.

Il-pubbliku ġenerali ġie kkonsultat ukoll permezz tal-portal tal-UE *Semma' leħnek* b'feedback limitat mill-pubbliku ġenerali u minn partijiet ikkonċernati oħra. Il-feedback riċevut, inkluż mill-Uffiċċju Ewropew għall-Ambjent (EEB), kien relatat mal-hteġa li l-UE tkompli tirrestrinġi l-użu tal-merkurju fil-prodotti, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Delegat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

F'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju, ir-Regolament Delegat propost għandu l-għan li jallinja r-Regolament dwar il-Merkurju mad-Deċiżjoni MC-4/3 tal-COP ta' Minamata: *Rieżami u emenda tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju*. F'dan ir-rigward, madankollu ta' min jinnota kif ġej:

L-ewwel nett, l-istrain gauges li jintużaw fil-pletismografi bħala wieħed mit-tmien MAPs proposti mid-Deċiżjoni COP ta' Minamata diġà huma elenkati fl-Anness II (il-Parti A) tar-Regolament dwar il-Merkurju. Għaldaqstant, ma hemmx bżonn li l-Att Delegat propost jipprevedi t-traspożizzjoni ta' dan l-element tad-Deċiżjoni tal-COP ta' Minamata.

It-tieni nett, filwaqt li l-Anness A (il-Parti I) tal-Konvenzjoni diġà jkopri s-CFL.i \leq 30 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż il-5 mg għal kull berner tal-lampa, id-Deċiżjoni tal-COP ta' Minamata testendi l-projbizzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-manifattura għas-CFL.i \leq 30 watts kollha irrispettivament mill-kontenut tal-merkurju. Madankollu, meta jitqies li l-Anness II (il-Parti A) tar-Regolament dwar il-Merkurju huwa aktar strett mill-Konvenzjoni peress li diġà jipprojbixxi l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-manifattura ta' CFL.i \leq 30 watts b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż it-2,5 mg għal kull berner tal-bozza, ir-Regolament Delegat propost jirreferi għal CFL.i \leq 30 watts b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbiżx it-2,5 mg għal

kull berner tal-lampa. B'dan il-mod, ir-Regolament Delegat propost jiżgura li jinkiseb l-istess eżitu skont ir-Regolament dwar il-Merkurju bħal bil-Konvenzjoni ta' Minamata, jiġifieri biex jiġi żgurat li $s\text{-CFL.i} \leq 30$ watt kollha għal finijiet ta' tidwil ġenerali jiġu pprojbiti milli jiġu importati, esportati u mmanifatturati sad-data tal-eliminazzjoni gradwali applikabbli.

Għaldaqstant, l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament Delegat propost jipprevedi li s-seba' prodotti miżjudin bil-merkurju li ġejjin jiżiedu mal-Parti A tal-Anness II tar-Regolament dwar il-Merkurju bil-31 ta' Diċembru 2025 bħala d-data tal-eliminazzjoni gradwali:

- Lampi fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts u li ma jaqbżux it-2,5 mg għal kull berner tal-lampa;
- Lampi fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFL) u lampi fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) ta' kwalunkwe tul għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi;
- Trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib, trażmetturi tal-pressjoni tat-tidwib u sensuri tal-pressjoni tat-tidwib;
- Pompi tal-vakwu bil-merkurju;
- Piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti;
- Films u karti fotografiċi;
- Propellant għas-satelliti u l-inġenji spazjali.

B'dan il-mod, dan l-Att Delegat propost jipprevedi l-erba' entrati ġodda li ġejjin tal-MAPs fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament dwar il-Merkurju:

- entrata ġdida 3bis għal bozoz fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbiżx it-2,5 mg għal kull berner tal-lampa;
- entrata ġdida 6bis għal lampi fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFL) u lampi fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) ta' kwalunkwe tul għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi;
- entrata ġdida 10 (*apparat tal-kejl elettriku u elettroniku*) għal trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib, trażmetturi tal-pressjoni tat-tidwib u sensuri tal-pressjoni tat-tidwib;
- entrata ġdida 11 (*Prodotti oħra miżjudin bil-merkurju*) għal pompi tal-vakwu bil-merkurju, piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti, films u karti fotografiċi u propellant tas-satelliti u l-inġenji spazjali.

Il-Kummissjoni qed tfejji proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni se tiġi adottata b'mod parallel ma' dan l-Att Delegat.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2023

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008¹, u partikolarment l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/852, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura fl-Unjoni tal-prodotti miżjudin bil-merkurju stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu pprojbiti mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness, ħlief dawk il-prodotti li huma essenzjali għall-protezzjoni ċivili u l-użi militari u dawk il-prodotti għar-riċerka, għall-kalibrazzjoni tal-istrumentazzjoni, jew għall-użu bħala standard ta' referenza.
- (2) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939² u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017. L-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jipprojbixxi l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura ta' prodotti miżjudin bil-merkurju elenkati fil-Parti I tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni wara d-data tal-eliminazzjoni gradwali speċifikata għal dawk il-prodotti. L-Artikolu 4(8) tal-Konvenzjoni jirrikjedi li l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ("COP") twettaq rieżami tal-Anness A tal-Konvenzjoni mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
- (3) L-Unjoni ppreżentat proposti biex jiġu emendati l-Annessi A u B tal-Konvenzjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727³. Il-COP, fir-raba' laqgħa tagħha, li

¹ ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727 tad-29 ta' April 2021 dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-

saret mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022, adottat id-Deċiżjoni MC-4/3 li temenda l-Parti I tal-Anness A tal-Konvenzjoni billi inkludiet tmien prodotti miżjudin bil-merkurju f'dak l-Anness. Dik id-Deċiżjoni ġiet appoġġata mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549⁴.

- (4) Il-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852 diġà telenka l-istrain gauges li jintużaw fil-pletismografi bħala wieħed mill-prodotti miżjudin bil-merkurju inklużi fil-Parti I tal-Anness A tal-Konvenzjoni bid-Deċiżjoni MC-4/3 kif ukoll lampi fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts b'kontenut tal-merkurju li jaqbeż it-2,5 mg għal kull berner tal-lampa. B'riżultat ta' dan u sabiex ir-Regolament (UE) 2017/852 jiġi allinjat mad-Deċiżjoni MC-4/3, jeħtieġ li jiġu inklużi seba' prodotti miżjudin bil-merkurju fil-Parti A tal-Anness II ta' dak ir-Regolament: (i) lampi fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbiżx it-2,5 mg għal kull berner tal-lampa, (ii) lampi fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFL) u lampi fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) ta' kwalunkwe tul għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi, (iii) trasduttur tal-pressjoni tat-tidwib, trażmetturi tal-pressjoni tat-tidwib u sensuri tal-pressjoni tat-tidwib, (iv) pompi tal-vakwu bil-merkurju, (v) piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti, (vi) films u karti fotografiċi u (vii) propellant tas-satelliti u l-inġenji spazjali.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/852 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Merkurju, fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u proċessi ta' manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju (ĠU L 155, 5.5.2021, p. 23).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.7.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN